# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Novembru 2021**

**Talba Nru: 385/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**SENTENZA PRELIMINARI**

**Jane Agius (ID 157267(M))**

**Vs**

**John Agius (ID 256465(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2019 fejn it-Tribunal ġie mitlub jikkundanna l-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u disgħin ċenteżmu (€1,800.98)[1] għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż u imgħaxijiet. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fit-13 ta' Frar 2020 tramite liema l-konvenut laqá għat-Talba billi *inter alia* eċċepixxa li l-azzjoni hija waħda intempestiva[2];

Ra dak verbalizzat minn dan it-Tribunal diversament presedut fis-seduta tal-21 ta' Frar 2020, fejn intalbet spjega dwar din l-ewwel eċċezzjoni[3];

Ra n-nota tal-konvenut fejn spjega li l-ewwel eċċezzjoni tiegħu tikkonċerna l-ħtieġa ta' rikonċiljazzjoni u li din kienet nieqsa sal-ħin tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri[4];

Ra li dan il-proċediment ġie mħolli għal-provi u trattazzjoni ta' din l-ewwel eċċezzjoni[5];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[6];

Ra n-nota tal-konvenut kontenenti dokumenti[7];

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri dwar din l-ewwel eċċezzjoni, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[8];

---

[2] A fol 26.
[3] A fol 29.
[4] Nota relattiva tinsab a fol 30 tal-proċess.
[5] Dan jemerġi ċar minn dak li ġie verbalizzat fis-seduti tat-22 ta' Ġunju 2020 u tal-25 ta' Settembru 2020.
[6] A fol 39 tal-proċess.
[7] Nota tinsab a fol. 47 tal-proċess.
[8] Din seħħet fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021 u tibda a fol 55 *et seq*.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* proċesswali u minn dak li ntqal hawn fuq, din hija sentenza preliminari li tikkonċerna biss l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Din titkellem dwar l-intempestivitá tal-azzjoni attriċi għaliex, kif ġie spjegat minnu fuq struzzjoni ta' dan it-Tribunal kif preċedentement presedut, huwa jgħid li kien hemm ħtieġa ta' rikonċiljazzjoni qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri.

Illi b'mod ġenerali u in vena ġurisprudenzjali jingħad li l-eċċezzjoni tal-intempestivitá hija waħda ta' natura dilatorja, u għalhekk huwa ġust li din ġiet imqajjma mill-konvenut bħala l-ewwel eċċezzjoni u li din ġiet mistħarrġa f'dan l-istadju[9]. Naturalment, min jeċepixxi tali eċċezzjoni jimponi fuqu l-ħtieġa u l-obbligu li jipprova tali pretensjoni. Dan huwa sempliċiment kliem ieħor għal dak li trid il-massima *reus in excipiendo fit actor*[10]. Għandu jkun indubitat ukoll li l-effetti f'każ li tintlaqa' eċċezzjoni simili tkun tfisser li l-azzjoni ma tistax tiġi salvata b'mod ieħor. Dan juri li verament l-parti li tutilizza tali eċċezzjoni trid verament tipprova li din tiswa u hija valida[11].

---

[9] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiża fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Spiteri vs Luqa Ellul,** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-28 ta' Mejju 1965.

[10] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')."*

[11] Dwar dan issir referenza għas-sentenza għas-sentenza parzjali fl-ismijiet **St. George's Bay Hotel Limited vs Bay Street Holdings Limited et,** (Ċit Nru: 85/2001/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Settembru 2003 fejn ġie ritenut hekk: *" Illi tali eċċezzjoni, li hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk i għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li reus in excipiendo fit actor, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli*

Illi għal dan it-Tribunal, il-konvenut naqas minn tali aspett u għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi mwarrba minħabba s-segwenti.

Illi t-Tribunal iħoss li f'dan l-istadju, bħala daħla, għandu jissofferma ruħu momentarjament dwar xi aspetti speċjali li jirregolaw dan it-Tribunal. Huwa minnu u huwa indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[12]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[13]. Min-naħa l-oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċitá f'dak li huwa ġudizzju[14]. Tassew, it-Tribunal qiegħed jara li ċertu grad ta' informaliżmu li jidher li ħakem l-operat quddiem dan it-Tribunal matul is-snin għadu jimmanifesta ruħu[15].

---

*għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli. B'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kwża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-Jus Superveniens;"* Dan l-insenjament ġie wkoll imħaddan u applikat fis-sentenza riċenti fl-ismijiet **Emanuela Bartolo et vs Marthese Caruana et,** (Ċit Nru: 383/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Awwissu 2021.

[12] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[14] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[15] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

Illi lura għal dak li jemerġi mill-proċess, jirriżulta li l-konvenut kien karenti fil-produzzjoni tal-provi. Dan qiegħed jingħad għaliex, rinfaċċjat kif kien bid-dokumenti mill-attriċi, huwa sempliċiment għadda sabiex jeżebixxi ittri legali li kollha ntbagħtu fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju. Dwar dan l-aħħar punt, it-Tribunal iqis li m'għandux itawwal iżżejjed. Jgħid biss li huwa ben magħruf li tali prova ma tiswiex fir-rigward tal-kontenut tagħha[16]. Semmai, dik il-komunikazzjoni ġiet kunsidrata biss minn dan it-Tribunal bħala prova li saret, u xejn aktar.

Illi l-konvenut kien silenzjuz f'dan il-parti tal-proċediment. L-istess jista jingħad għal dak li jikkonċerna l-attriċi għalkemm mid-dokumentazzjoni minnha eżebita joħroġ li tentattiv ta' rikonċiljazzjoni seħħ, aktar minn darba. L-aċċettazzjoni o meno ta' dan min-naħa tal-konvenut imur lil'hinn mill-eżami rikjest f'dan l-istadju. Irid jiġi ribadit b'saħħa li parti fi proċediment għandha toffri dawk il-provi neċessarji għal-konvinċiment tal-awtoritá ġudikanti[17].

Illi hawn it-Tribunal irid u qiegħed joqgħod attent. Bl-ebda mod ma jrid jinftiehem liċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni tfisser li dan it-Tribunal qiegħed jagħti ġudizzju (kemm pożittiv jew negattiv) dwar xi possibbli nuqqasijiet jew inadempjenzi li setgħet kellha l-attriċi fir-rigward tas-somma minnha mitluba. Dak huwa mertu ta' deċiżjoni posterjuri eventwali u mhux ta' din. Din is-sentenza

[16] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech et vs John Amato et,** (Ċit Nru: 781/00) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2001.

[17] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara r-riċerka estensiva u d-*dictum* enunċjat fis-sentenza riċenti ta' dan it-Tribunal diversament presedut fl-ismijiet **Norbert Caruana et vs Kuraturi Deputati Sabiex Jirrapprezentaw Lill-Assenti Joseph Busuttil U Maria Busuttil U Permezz Ta' Att Gudizzjarju Tal-15 Ta' April, 2019, Sean Busuttil [K.I. Nru.54005l], Assuma L-Atti Bhala Rapprezentant Tal-Konvenuti, Assenti Minn Dawn Il-Gzejjer, Joseph Busuttil U Maria Busuttil, (Tlb Nru: 545/2018 KCX)** mogħtija fl-1 ta' Novembru 2021.

hija biss rigwardanti l-allegata intempestivitá tal-azzjoni, u kif intqal hawn fuq, dan it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li għandu jwaqqaf dawn il-proċeduri fuq hekk.

Illi finalment, it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jikkumenta fil-qosor fuq dak li ntqal fit-trattazzjoni. Qari tal-istess juri li l-partijiet marru ferm lil'hinn mill-eżami rikjest sa dan il-punt u kif ukoll li saret referenza għal affarijiet li ma jemerġix mill-atti. Dan il-fatt, għal dan it-Tribunal, huwa ċensurabbli[18].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-proċeduri.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju huma riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[18] Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Cristina pro et noe vs Eleonora Mizzi,** (App Ċiv Nru: 321/1985/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2003, a para 8, intqal hekk: *"Din il-Qorti, wara li ezaminat l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet – presumibbilment dik tal-kovenut a fol 126-135, tal-process – hija tal-fehma li argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procuderali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghallkontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'."*